**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Dicembru, 2015

Rikors numru : 393/2015 AL

AB
vs
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-esponenti zzewgu fil-31 ta' Lulju 1982, u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru elf erba` mija u tletin tas-sena elf disa` mija u tnejn u tmenin (1430/1982)(Dok.A).

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, illum maggorenni u indipendenti.

Illi l-partijiet ilhom jghixu mifrudin *de* facto ghal dawn l-ahhar hames snin, filwaqt li sseparaw legalment b'kuntratt tan-Nutar Dottor Elisa Falzon tal-25 ta' Gunju 2010 (Dok. B).

Illi l-esponenti Anthony Farrugia u l-intimata Maria Assunta sive Miriam Farrugia huma finanzjarjament indipendenti minn xuxlin, u ghandhom il-mezzi biex jipprovdu ghalihom infushom, u ghalhekk hadd minnhom ma jippretendi ebda hlas ta' manteniment minghand l-iehor, la ghaz-zmien li ghadda u lanqas ghall-futur. Effettivament bil-kuntratt tas-separazzjoni msemmi huma rrinunzjaw definittavament u irrevokabilment ghad-dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin.

Illi lanqas ma hemm dovut ebda manteniment bejn il-kontendenti fir-rigward ta' uliedhom, u lanqas ma hemm kwistjonijiet bejn il-kontendenti fir-rigward.

Illi l-esponent jiddikjara u jikkonferma li ma hemm ebda prospett ghal rikonciljazzjoni bejn u l-intimata.

Illi ghalhekk jezistu l-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju bejn il-partijiet ai terminu tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tordna l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti registrat bl-Att taz-Zwieg imsemmi numru 1430/1982;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati javza b'dan kollu lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, li ghandu jipprocedi ghar-registrazzjoni tal-istess.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Ottubru, 2015;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta' Gunju 2010 u ilhom mifrudin de facto ghal dawn l-ahhar hames (5) snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Ft. Dr Abigail Lofaro
Imhallef

Ft. Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur